MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2013

Numru. 10/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Roderick Montesin ta’ 22 sena iben Emanuel u Gaetana nee` Magri, imwieled Pieta` nhar il—05 ta’ Frar 1988, residenti gewwa Entratura E Flt 5, Binja Hesri, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 79588M**

**Melvin Montesin ta’ 20 sena iben Emanuel u Gaetana nee` Magri, imwieled Pieta` nhar l-14 ta’ Jannar 1990, residenti gewwa Entratura E Flt 5, Binja Hesri, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 62690M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli:

Fl-24 ta' Marzu u fit-tlett xhur ta' qabel din id-data, gewwa s-Siggiewi u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew ifornu d-droga imsemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-24 ta' Marzu u fil-jiem ta' qabel din id-data, gewwa s-Siggiewi u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, kellhom fil-pussess taghhom d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew ifornu d-droga imsemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Lil Melvin Montesin wahdu talli**

Kiser il-provedimenti ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 5 ta’ Ottubru 2008

U aktar talli sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-.imputati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u u fil-konfront tal-imputat Melvin Montesin biss l-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 49 u 50 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghall-multa ta’ hames mitt euro (€500) il-wiehed u lill-

imputat Melvin Montesin tikkundannah ukoll ghal ammenda ta' mitejn u tlieta u tletin euro (€233). L-imputat Melvin Montesin qed jigi ordna ihallas il-multa u l-ammenda inflitti f'rati mensili komplessivi ta' tletin euro (€30) fix-xahar bl-ewwel pagament dovut fil-5 ta' Frar, 2014. Filwaqt illi l-imputat Roderick Montesin qed jigi ordnat ihallas l-multa inflitta f'ghoxrin (20) rata menisili ta' hamsa w ghoxrin euro (€25) il-wahda bl-ewwel pagament sal-ahhar ta' Frar, 2013.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' Dok KA6 u Dok KA7

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------